# Pejxu biż-Żarbun

Darba waħda kien hemm taħħan li meta miet ħalla lit-tliet uliedu dak kollu li kellu: lill-kbir ħallielu l-mitħna, lill-fustani ħallielu l-ħmar, mentri liż-żgħir ħallielu qattus oranġjo.



Il-kbir beda jiftaħar kif hu kien dak li mar l-aħjar fost ħutu. Iżda l-fustani fakkru li għalxejn ikollu mitħna jekk ma jkollux ħmar biex iġorrlu l-qamħ u l-ixkejjer tad-dqiq.



Il-kbir induna li ħuh kellu raġun u allura staqsieh jekk riedx li jaħdmu flimkien. Imma lanqas biss għaddielhom minn moħħhom biex jinkludu lil ħuhom iż-żgħir.

"Mhux se nagħmlu biżżejjed qligħ biex nitimgħu lilek ukoll. Issa nsibu qattus ieħor! M'għandniex bżonnok!" qalulu, u bagħtuh 'l hemm bla kliem u bla sliem.

